FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 17 TA' MEJJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)

vs

Philip Attard

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 491065m akkuzat talli nhar it-3 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, habat ma vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni CAD-409 u nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq-il persuna ta' Gerald Agius hekk kif iccertifikat minn Dr. Carl Cutajar MD (Med Reg No. 5283) mill-Isptar Mater Dei;

2. b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, habat ma vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni CAD-409 u nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq-il persuna ta' Emanuela Nagiah hekk kif iccertifikat minn Dr. Paul Scarrow MD (Med Reg No. 3112) mill-Isptar Mater Dei;

3. b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, habat ma vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni CAD-409 u nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq-il persuna ta' Catherina Micallef hekk kif iccertifikat minn Dr. Carl Cutajar MD (Med Reg No. 3112) mill-Isptar Mater Dei;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE738, nvolontarjament ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAD-409 ghad dannu ta' Emanuela Nagiah u/jew persuni ohra;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura ta' l-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738 fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun:-

7. naqas milli jaghti kampjun tan-nifs ghall-analizi permezz ta' strument approvat mil-ligi;

8. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

9. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq-il persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

10. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

11. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied;

12. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

13. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu;

14. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-ligi;

U aktar talli nhar it-3 ta' Jannar 2012 ghall-habta tal-4.30 ta' filghaxija gewwa Triq Hal-Qormi, Hamrun:-

15. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikularitajiet u dettalji ohra tal-vettura li kien qieghed isuq, meta kien involut f'incident tat-traffiku li jinvolvi hsara lil xi vettura ohra u cioe' vettura tal-ghamla Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni CHL-024, u/jew naqas li jinforma lill-Gwardjani Lokali jew lill Pulizija dwar dan l-incident;

16. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura tal-ghamla Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni CHL-024 u nvolontarjament ikkaguna hsara fuq l-imsemmija vettura ghad-dannu ta' Lilly Borg u/jew persuna/i ohra;

17. talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija banda ohra f'dan il-Kodici lil Lilly Borg, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

U aktar talli nhar it-3 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-4.40 ta' filghaxija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun:-

18. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti il-partikularitajiet u dettalji ohra tal-vettura li kien qieghed isuq, meta kien involut f'incident tat-traffiku li jinvolvi hsara lil xi vettura ohra u cioe' vettura tal-ghamla King Long bin-numru ta' registrazzjoni BUS-014, u/jew naqas li jinforma lill-Gwardjani Lokali jew lill Pulizija dwar dan l-incident;

19. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura tal-ghamla King Long bin-numru ta' registrazzjoni BUS-014 u nvolontarjament ikkaguna hsara fuq l-imsemmija vettura ghad-dannu ta' Arriva Malta Ltd. u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli nhar it-3 ta' Jannar 2012 bejn l-12.00 u l-4.30 ta' filghaxija gewwa Triq San Gejtanu, Hamrun:-

20. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni CBE-738, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti il-partikularitajiet u dettalji ohra tal-vettura li kien qieghed isuq, meta kien involut f'incident tat-traffiku li jinvolvi hsara lil xi vettura ohra u cioe' vettura tal-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni KBO-096, u/jew naqas li jinforma lill-Gwardjani Lokali jew lill Pulizija dwar dan l-incident;

21. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura tal-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni KBO-096 u nvolontarjament ikkaguna hsara fuq l-imsemmija vettura ghad-dannu ta' Sylvana Bugeja u/jew persuna/i ohra;

22. u fl-ahhar talli talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghotija lilu fit-25 ta' Ottubru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil Philip Attard milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Kontra dan l-imputat hemm numru ta' akkuzi relatati ghall-gurnata tat-3 ta' Jannar 2012 riferibbli ghal hinijiet differenti ta' dik il-gurnata bl-akkuzi l-aktar gravi li: ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' certu Gerald Agius f'incident stradali fil-hin li kien qieghed isuq il-vettura tieghu Honda Civic numru ta' registrazzjoni CBE738; li saq l-imsemmija vettura tieghu waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuqha; li naqas li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi. Apparti minn dan hemm akkuzi ohra relatati ma' hsara f'incidenti awtomobilitici li kien involut fihom, senjatament erba, u mal-imgieba tieghu fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fejn hu allegat li uza vjolenza u theddid mal-Pulizija.

Issa, apparti l-ferita gravi, l-offizi l-ohra jinsabu pruvati. Maghhom hemm l-ahhar zewg akkuzi li jittrattaw il-ksur tal-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u r-recidiva.

Fil-konfront tal-akkuza li tixlih li ikkaguna ferita gravi l-prova in sostenn taghha ma saritx stante li minn allegatament sofra dawn il-feriti gravi ma lahaqx xehed u lanqas certifikat mediku ma gie esebit.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jirrisulta bil wisq car li l-imputat kien fi stat ta' sokor fil-gurnata li fiha sehhew l-offizi li bihom hu akkuzat u, malgrad, li kien f'dan l-istat saq vettura nonkuranti tal-perikolu manifest ghall-persuni u proprjeta' ta' haddiehor li f'cirkostanzi ohra kien ikollhom effetti ibsien fuq il-piena.

Illi, pero', jirrisulta li l-imputat kien f'dak iz-zmien ghaddej minn perjodu xejn felici, li apparti l-problema tal-alkolismu, kellu problemi ohra relatati ma' uzura.

Intant, l-ufficjal tal-Probation stqarret fil-konkluzjoni tar-rapport taghha li l-imputat wera koperazzjoni shiha u deher motivat li jpatti ghal-ghemil tieghu billi jintraprendi xi xoghol fil-komunita'.

Illi, dan apparti, jidher li illum l-imputat qeleb il-vizzju tax-xorb u jirrisulta li qatt ma ' kien tossiku-dipendenti.

Illi dana kollu ghandu jibbenefika lill-imputat fis-sens li jinghata piena alternattiva ghal dik ta' priguneria u jinghata xoghol fil-komunita' abbinat ma' ordni ta' probation.

Tiddecidi:

- li tilliberah mill-ewwel, it-tmien, l-ghaxra, il-hdax, it-tnax, u s-sbatax l-akkuza;
- li ssibu hati tal-kumplament tal-akkuzi kompriz li kiser ordni ta' probation u li huwa recidiv;

Rat l-Artikolu 221, 325(b), 95, 338(dd), 338(bb), 49, 50 u 17 tal-Kap 9. l-Artikolu 15H tal-Kap 65, l-Artikolu 7 u 23 tal-Kap 446 u r-regolament 67 tal-L.S 65.11.

Tikkundannah:

- b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap 446 tqieghdu taht ordni ta' probation ghal sena mill-lum u tordnalu jaghmel xoghol fil-komunita' bla hlas ghal erbghajn siegha ai termini tal-Artikolu 7 u 11 rispettivament tal-Kap 446.

Ai termini tal-Artikolu 15H tal-Kap 65 tiskwalifikah milli ikollu jew jottjeni licenzja ghal-perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

A.M.Trigona

Magistrat.